Kunsill Lokali Ħal Balżan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balżan

---

**MINUTI TAS- SBATAX-IL LAQGĦA TAT-TMIEN KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balżan

**Data:** It-Tlieta, 5 ta' April 2016

**Ħin:** Mill-5.30pm sat-7.45pm

**Preżenti:** In-Nutar Dr. Ian Spiteri
Is-Sur Andre Grech
Is-Sur Desmond Żammit Marmara
Is-Sur Daniel Muscat
Is-Sur Joe Galea

**1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas-Sittax-il laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Daniel Muscat. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**2. <u>Mill-Minuti</u>**

Ma kien hemm ebda *arising out* mill-minuti

**3. <u>Kuntratt tal-Bulky Refuse fir-rigward ta' rimi ta' skart perikoluż, elettriku u skart ieħor elettroniku</u>**

Is-SE infurma lill-Kunsill li hekk kif ser tinbidel is-sistema ta' ġbir ta' skart goff fejn l-iskart irid jinfired bejn dak li jaqa' taħt l-iskema WEEE jiġifieri skart perikoluż, elettriku u skart ieħor elettroniku u skart ieħor, sistema li ġiet mposta mill-MEPA, il-kuntrattur kien kiteb lill-Kunsill fejn talab li r-rata tal-ġbir skont il-Kuntratt togħla għal raġuni li din ser iġġib magħha iżjed xogħol.

Pero' sadanittant il-kuntrattur reġa' infurma lis-SE illum li peress li din is-sistema għadha fil-bidu tagħha, huwa ser jagħti ċans u jara kif ser tinħadem is-sistema u fil-kaz jerġa' jinfurmani bil-talba tiegħu.

## 4. Diskussjoni fuq it-tiġdid ta' policies fir-rigward ta' permessi maħruġa mill-Kunsill

Is-Sur Desmond Zammit Marmara qal li f'dawn l-aħħar ġimgħat jidher li kien hemm nuqqas ta' nfurzar fir-raħal fejn jidher ċar li ħafna nies qed jagħmlu li jridu bħal eżempju joħorġu ż-żibel barra wara l-ħinijiet stipulati, storbju waqt kostruzzjoni waqt il-ħinijiet ta' mistrieħ u kaxxi barra l-ħwienet fil-ġranet li ma jinġabarx skart riċiklat. Huwa qal li s-Sinjura Lilian Mestre ċemplitlu u ġibditlu l-attenzjoni f'dan ir-rigward. Is-Sinjura Mestre għamlitlu stedina biex jipparteċipa waqt programm tagħha tar-radju biex jitkellmu fuq dan is-suġġett.

Il-Viċi Sindku, Andre Grech sostna li minn mindu bdew jintbgħatu l-wardens fuq insistenza tal-Kunsill, għal kuntrarju li qed igħid s-Sur Zammit Marmara, in-nies jidhru li huma sodisfatti b'dak li qed jagħmel il-Kunsill u huwa ta' eżempju għal kunsilli oħra.

Is-Sur Daniel Muscat qal li kemm il-darba fuq storbju talab l-intervent tal-pulizija pero' mingħajr ebda suċċess.

Il-Viċi Sindku kompla qal li f'waħda mill-laqgħat li għaddew huwa kien ippropona li tintbagħat forma ta' ethics sheet lill-familji kollha u għandha ssir mill-aktar fis possibbli.

Is-Sindku qal li jidher li allavolja l-isforzi kollha li qed isiru mill-Kunsill fuq infurzar, jidher li hawn nuqqas ta' koperazzjoni f'dan ir-rigward. Semma l-laqgħa li kellu mas-Sur Ray Zammit, Direttur tal-LESA fejn suppost kellhom jiġu indirizzati problemi ta' infurzar.

Is-Sur Daniel Muscat sostna li wasal iż-żmien li ssir Press Conference fejn jiġu kkomunikati d-diversi wegħdiet li saru mill-Gvern Ċentrali u s'issa għadu ma sar xejn.

Is-Sindku elenka diversi wegħdiet li saru bħal Balzan Valley u infurzar fil-lokal. Huwa qal li quddiemu għandu żewġ alternattivi fejn quddiemu għandu żewġ alternattivi li jew jagħmel Press Conference u jiġi spjegat lir-residenti dawn in-nuqqasijiet jew inkella jimxi bid-diplomazija u li s'issa ma wasslitu mkien.

Fuq din il-Press Conference kemm is-Sinjuri Daniel Muscat, Joe Galea u Andre Grech qabblu li ssir press conference filwaqt li s-Sur Desmond Zammit Marmara qal li ser iżomm ir-riservi tiegħu u jikkomunika d-deċiżjoni jipparteċipax jew le aktar l'quddiem.

Ġie deċiż li din il-press conference ssir nhar is-Sibt, 30 ta' April 2016.

## 5. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera

### Is-Sindku Dr. Ian Spiteri

Dr. Spiteri infurma lill-Kunsill li rċieva l-ittra tal-iscreening process mill-MEPA fir-rigward tal-post il-ġdid tal-Kunsill ser jinstema sa l-aħħar ta' Mejju u jrid jitħallas l-ammont ta' € 999 fuq dan l-iscreening process.

Dr. Spiteri talab lill-Viċi Sindku biex tintbagħat ittra lill-Commercial Premises f'Ħal Balzan fejn navżawhom li mhux ser ikunu tollerati iżjed fuq ir-rimi ta' skart riċiklat mhux fil-ġurnata li suppost jinġabar li huwa kull nhar ta' Tlieta.

Is-Sindku qal li kellmitu Dr. Lydia Buttigieg fuq xi kunċert bl-arpa u talbet l-għajnuna finanzjarja tal- Kunsill. Il-Kunsill mhuwiex f'pożizzjoni finanzjarja li jgħin imma jista' jagħti għajnuna b'mod differenti.

**Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara**

Il-Kunsillier tkellem fuq l-estensjoni tat-tabelli tar-residents parking scheme fi Triq San Frangisk fejn kellu lment li s-sinjali qegħdin fuq naħa waħda biss apparti li hemm parti tat-triq li mhix koperta minn dawn is-sinjali. Is-sindku wieġeb li l-permess għal residential parking scheme qiegħed għal 50% tat-triq u hu kien talab lill-wardens biex jinfurmaw lill-Kunsill fejn l-aħjar jitwaħħlu t-tabelli biex l-infurzar ikun kopert bil-liġi.

Is-Sur Zammit Marmara ressaq talba tas-Sinjura Fenech li toqgħod f' Wied Ħal Balzan fejn qed issostni li kaxxa tal-loading/unloading ma għandiex il-bzonn tagħha għax mhux qed tintuza minn ħadd. Il-Kunsill talab dikjarazzjoni mis-Sinjura Fenech biex tissostanzja dan u tittieħed azzjoni minn Transport Malta.

Is-Sur Zammit Marmara ġibed l-attenzjoni għall-fatt li f'Sibt il-Għid, il-Hospice Movement ġabu l-ħaddiema jsammru u jużaw il-machine tools fis-7.30am. Talab li jkun hemm aktar prudenza. Il-kunsill ħa nota tagħha.

Il-Kunsillier staqsa kif bqajna bħala Kunsill fuq il-permess ta' kostruzzjoni fejn MFSA/ Gasan Showroom fejn din ser toħloq inkonvenjent lir-residenti fuq parking . Is-SE ikkonferma li bagħat il-korrispondenza lill-MEPA.

**Il-Viċi Sindku Andre Grech**

Is-Sur Grech qal li waqt seminar li attenda fuq EU Funds huwa kellem lis-Segretarju Parlamentari, Dr. Ian Borg fuq il-possibilita' ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja biex l-għalqa ta' quddiem l-iZmerċ tinbidel f'solar energy car park f'każ li din l-art tiġi devoluta lill-Kunsill. Din it-talba ser tingħata l-attenzjoni meħtieġa minn Dr. Borg.

Il-Viċi Sindku ressaq talba biex fi Triq il-Kbira fejn il-Knisja ta' Santa Marija ssir sign speed limit ta' 25km. Il-Kunsill approva.

Is-Sur Grech ressaq talba tas-Sur Cipriott fejn huwa għandu karozza fuq leasing biex jinħareġ permess mill-kunsill fuqha biex ikun jista' jipparkja f'Ħal Balzan. Il-Kunsill ser joħroġlu permess.

**Il-Kunsillier Daniel Muscat**

Is-Sur Muscat ta informazzjoni fuq is-seminar li kellu l-MEPA fuq il-merger li ser isir fi ħdan l-istess awtorita'.

Is-Sur Muscat infurma lill-Kunsill li l-familja li tkellmet miegħu rigward il-ħsarat fil-bankini ta' Triq it-Tabib J. Zammit lesti li jixhdu li l-ħsara saret mill-inġenji li kienu qed jaħdmu fuq il-kostruzzjoni tal-flats. Il-Kunsill talab għal aktar evidenza mingħand din il-familja.

**6. Korrispondenza u Ilmenti**

**Ilment Nru 17016013243202**: Talba mingħand s-Sur Gregory Fenech li joqgħod fi Triq Sisner biex jitwessa' d-double yellow line ta' 1m fuq in-naħa tal-garaxx tiegħu għax xorta qed isib diffikulta' biex idaħħal il-karozza fil-garaxx. Il-Kunsill ser japplika ma' TM biex fuq naħa minnhom tal-garaxx din il-linja safra titwessa' għal 1.5m.

Dwar l-ilmenti u korrispondenzi li rċieva l-kunsill f'dan il-perjodu, l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta' kull min ippreżenta l-ilment.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 3 ta’ Mejju 2016 fl-5.30pm.

**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv

Data